L-Isla mhix nieqsa mil-leġġendi. Minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) mgħadekx tismagħhom, u daż-żmien il-ġenerazzjoni li tielgħa hija mfassla xort'oħra, mitlufa wara affarijiet oħra. Din l-aħħar gwerra qatgħet u qatlet ħafna tradizzjonijiet folkloristiċi, l-aktar fejn resqet fil-bliet u rħula qodma. M'għadhomx jinstemgħu leġġendi li għal sekli sħaħ kienu jingħadu minn ġenerazzjoni għal-oħra. Xejn anqas fl-Isla, bħal bliet oħra ta' madwar il-Port, għaddiet minn din il-burraxka,. L-aktar minħabba l-qerda fil-gwerra u t-tluq u l-evakwazzjoni ta' niesha li magħhom kienu magħġuna u msawwra dawn it-tradizzjonijiet, folklor, leġġendi u ħrejjef.

Il-leġġenda li se nirrakkonta hija min jaf kemm sekli, ġejja minn żmien klassiku, minsuġa madwar ħrejjef tal-mitoloġija klassika. Din hija l-leġġenda tas-Sirena li mkien f'Malta m'hi qawwija daqs kemm hi fl-Isla, belt marittima bi tradizzjonijiet tal-baħħara bi snajja' u mestjeri mrawmin ma' l-għajxien mill-baħar.

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija fis-sajf konna mmorru x-Xatt għall-arja friska tal-baħar. Darba fost l-oħrajn, konna aħna t-tfal fuq bank quddiem il-*Black Cat,* bar qrib il-palazz li fl-antik kien il-"Palazz tal-Kaptan tax-Xwieni" (hawn illum aktar magħruf bħala *Dockyard Terrace*). It-taħdita tagħna waqgħet fuq l-Għar tas-Sirena, jew kif hu magħruf minn uħud, l-Għar tal-Mikelin, u min beda jħarref u jgħid ħaġa, u min oħra. Wieħed fostna qalilna li kien għodos hemm u tella' ċ-ċagħaq. Imma l-kurżita dwar dak l-għar misterjuż baqgħet. Dak iż-żmien l-għar kien ma' wiċċ il-baħar li kien jibqa' dieħel fih sa ġewwa.

Mela wieħed barklor xiħ li kien qiegħed fuq il-bank warajna u kien qed jisma' x'konna qegħdin ngħidu, dar lejna u qalilna: "Tfal, ħalli ngħidilkom din il-leġġenda fuq dak l-għar". Kienet il-Leġġenda tas-Sirena, li għalkemm f'dawk is-snin ta' tfuliti kont naf li kien hemm xi leġġenda marbuta ma' dak il-post, kienet l-ewwel darba li smajtha.

Il-Leġġenda tas-Sirena kienet hekk: "Mela darba, maltempata kbira tellgħet sirena (li kif jgħidu tkun nofs mara u nofs ħuta) mill-baħar fuq xtutna. Din sabet il-kenn fil-port tagħna u biex ħadd ma jaraha daħlet tistaħba ġo l-għar li hemm ma' wiċċ il-baħar qrib il-Ponta ta' L-Isla taħt l-irdum fejn illum hemm dak il-bini għoli Tal-Mikelin. Is-sirena kienet toħroġ tgħum u titla' fuq il-blat fejn kienet toqgħod tkanta bi ħlewwa li ma bħalha. Dak iż-żmien fid-daħla ta' Bormla kien hemm ħafna għorof tas-sajjieda. Dawn is-sajjieda ma kinux jistgħu jaqbdu mnejn kien ġej tak il-kant u għana hekk sabiħ. Kulħadd isaqsi bla ma ħadd isib tarf għax, kull meta s-sirena kienet tilmaħ lil xi ħadd riesaq qrib, kienet tintefa' l-baħar, tiżgiċċa u tinħeba ġo l-għar li sar l-għamara tagħha. Ħafna drabi kienet tibqa' ġewwa, imdejqa, tkanta waħedha. Darba fost l-oħrajn sajjied żagħżugħ kien għaddej fil-qrib fuq il-kajjikk tiegħu u sema' kant ħiereġ minn ġo



**L-Għar tas-Sirena, magħruf ukoll bħala l-Għar tal-Mikelin, L-Isla, kif kien jidher qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Issa kollox inbidel madwaru.**
***(Minn kartolina, ritratt ta' Geo Furst)***



**Ritratt li juri figura ta' sirena imdawra b' sengħa folkloristika bil-bebbux u qroll.**

l-għar. Qadef lejh bil-mod il-mod biex ma jagħmilx ħoss u daħal siksnijiet u hemm ġew, f'nofs id-dalma lemaħ dik il-ħliqa stramba sabiħa! Bilkemm ried jemmen 'l għajnejh li kellu quddiemu sirena! Għall-ewwel indehex imma għamel il-kuraġġ u kellimha. Minn dakinhar, iż-żagħżugħ beda ta' sikwit jidħol iżurha meta jkun fil-qrib u sar iħobbha. Għalxejn kienet tkeċċih 'il barra u tgħidlu li ma tistax tħobbu. Hi kellha magħmul fuqha li jekk bniedem ibusha hi ssir zoptu tal-ġebel. Lil dan is-sajjied, li issa kien mitluf u msaħħar bil-ħlewwa ta' leħenha u sbuħitha, ma qaltlux b'dan il-magħmul. Lejla waħda mar iżurha, resaq fuqha, ħaddanha u biesha u minnufih dik l-imsejkna saret tal-blat! Għalhekk ġewwa dak l-għar hemm blata għamla ta' sirena u bqajna nsibuh bħala L-Għar tas-Sirena".

B'din il-leġġenda ma tispiċċax il-konnessjoni ta l-Isla mas-sirena. Fuq dak l-għar hemm triq imsemmija għas-sirena. Fl-antik kien hemm villa famuża bi ġnien, imsemmijin "Villa Sirena" u "l-Ġnien tas-Sirena". Meta kienu jisimgħu xi waħda tgħanni jew tkanta, il-ġirien, b'sarkażmu jew b'kumpliment kienu jtennu: "Tgħanni daqs Sirena!"

Leġġendi dwar sirena jinsabu f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa. F'Copenhagen, il-belt kapitali tad-Danimarka, hemm ukoll leġġenda tas-sirena u tellgħulha statwa tal-bronż, fuq il-blat, tħares lejn il-fliegu. Forsi għal hekk li r-Reġina Daniża Alessandra, mart ir-Re Dwardu VII, kienet tant tħobb l-Isla, minħabba x-xebh li hemm bejn iż-żewġt ibliet dwar il-leġġenda tas-sirena.

Fl-Isla kien hemm taqbila dwar is-sirena; kien qalhieli John Zammit f'Toronto fl-1965. Din kienet qalithielu ommu li kienet mill-Isla toqgħod "in-naħa tas-Sirena":

Is-Sirena telgħet tgħanni / Oħtha telgħet tgħanni magħha,
Isaw baħrin, isaw oħorġu / Ħa tisimgħu l-vuċi tagħha!
X'għanja tidwi kollha ħlewwa! / Leħenha kemm hu sabiħ!
U min jisma' l-għanja tagħha / Kif jintilef minn sensih!

Mikiel Agius, Bormliż emigrant xiħ ġo Detroit, kien qalli b'għanja li kienet tgħanni ommu. Kien qalhieli fl-1970:

Is-Sirena toħroġ tgħanni, / X'leħen għandha tant sabiħ!
Fih il-għaxqa w kollha ħlewwa Tgħanni biex tferraħna bih.
Is-Sirena tmur tinħeba / Mill-barklori w mill-baħrin,
U waħedha toqgħod tgħanni / Ġewwa l-Għar tal-Mikelin.

- - - - - oOo- - - - -